MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 449/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Alfred Farrugia, iben Carmelo, imwieled Pieta' fis-17 ta' april, 1965

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fit-13 ta' mejju, 2006 għal ħabta tas-1.30 p.m. ġewwa Triq Abela, Santa Venera bil-ħsieb li jikkometi delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ttanta li jikkaġuna ferita gravi fuq il-persuni ta' Francis Attard u Jason Attard minn Santa Venera liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali jew mill-volonta' ta' Farrugia;

2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi kkaġuna feriti ħfief fuq il-persuni ta' Francis Attard u Jason Attard minn Santa Venera, skond kif iċċertifika Dr. Miriam Camilleri MD taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Floriana;
3. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ħebb għal Francis Attard u Jason Attard sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmillhom ħsara;
4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ġewwa Santa Venera volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ġewwa santa Venera hedded lill-istess Francis Attard u Jason Attard bi kliem;
6. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi u fil-ġranet ta' qabel anke fi bnadi oħra tal-Gżejjer maltin kien fil-pussess u ġarr strumenti li jaqtgħu u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
7. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi kkometta ħsara volontarja fuq proprjeta' għad-dannu ta' Francis Attard minn Santa Venera.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Francis Attard u Jason Attard u familjari tagħhom sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reati hawn fuq addebitati u turbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' soma flus li tiġi ffissata kif jidhrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputat bħala reċidiv b'diversi sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta liea sentenżi saru definittivi.
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputat talli kiser il-kondizzjonijiet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta mposti fuqu b'sentenza tas-7 ta' settembru, 2004.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' diċembru, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 41(1)(a), 214 u 218 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

f. fl-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta’ Malta (illum l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta);
g. fl-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 29 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
i. fl-artikoli 21, 22 u23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta; u
j. fl-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ diċembru, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ diċembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 218, 221, 325(1), 338(dd), 339(1)(d)(e) u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta. Tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artiklu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ ħamsin lira maltin (Lm50) danni lil Francis Attard fi żmien sitt xhur mil-lum. Għar-rigward tas-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-7 ta’ settembru, 2004, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu ta’ tlett snin jibda jidekorri mil-lum stess. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------